**Laqgha Numru 16/K6/2012 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

Is-Sittax il-laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tnejn 9 ta' April 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ***(li waslet fil-5.35pm)*** u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava lkien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-4 ta' April 2012. L-Agenda kienet:

**01. Materji ohra pendenti minn laqgha 12/K6/2012.**

## 01. Materji ohra pendenti minn laqgha 12/K6/2012.

1.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm diversi tabelli tat-traffiku nieqsa fil-lokal fosthom fi Triq Arnhem, Triq Alamein inkluz ghad-dahla ta' St. Michael's Foundation u Triq Normandy.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna t-tabelli kollha li hemm nieqsa fi Triq Arnhem, Triq Alamein u Triq Normandy.

1.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waslet fil-5.35pm.***

1.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex tintbaghat cirkulari lir-residenti kollha tal-lokal fejn jigu nfurmata rigward l-Appell fuq it-tender ghall-Upgrade ta' Gnien Madre Teresa Ta' Kalkutta, liema appell irrimarka l'ilu pendenti sa minn Gunju 2009 kif ukoll l'ilu pendenti ghas-sentenza sa mil-ahhar Seduta tat-2 ta' Mejju 2010. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu jinforma b'dan lill-Onor. Ministru Carmelo Mifsud Bonnici dwar dan id-dewmien.

1.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward it-talba tal-Kunsill ghall-installazzjoni ta' dawl fi Pjazza Nazju Falzon, il-Kunsill diga ghandu stima ta' zewg lampi li tlahhaq il-€4,625.00. **(Ara Dok. B)**

1.10. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova li jiġi nstallata dawn iz-zewg lampi kif kien approvat mill-Korporazzjoni Enemalta.

1.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jibghat flyer fid-djar kollha tal-lokal rigward l-abbuz ta' l-abbandun t'annimali (klieb u qtates) fejn ir-residenti jigu nfurmata li tali azzjoni hija llegali, jinghataw informazzjoni li hawn min joffri li l-annimali jigu msewwija minghajr hlas kif ukoll jigu nfurmata bil-penali li hemm ghal min jinqabad jikser il-ligi.

1.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghat-tabelli li kien pogga l-Kunsill li jindikaw li sidien il-klieb ghandhom jigbru l-hmieg tal-klieb taghhom fejn ipproponiet li hemm tabelli li qdiemu u ghandhom jinbidlu kif ukoll li ghandhom jergghu jitwahhlu dawk li hemm nieqsa jew li gew vandalizzati. Il-kelliema nsistiet li ladarba l-Kunsill jerga' jaghmel dawn it-tabelli, il-Kunsill ghandu jara li jsir l-infurzar. Il-kelliema pproponiet ukoll li l-Kunsill ghandu jitlob lill-MEPA biex tul Triq il-Mediterran u l-periferija tas-sit Natura 2000, ghandhom isiru aktar tabelli bhal ma twahhlu fil-jiem li ghaddew.

1.17. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.19. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-laqgha li saret mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fil-jiem li ghaddew, specifikament dwar Juno Flats, fejn informa lill-Kunsill li wara diversi tentattivi biex tigi rrangata l-pompa li hemm fil-gibja ta' quddiem Juno Flats li tintuza biex jiggenera cirkulazzjoni ta' l-ilma ghal funtana pubblika fil-bitha ta' Juno Flats, din issa waqfet ghax inharaq il-mutur. Ghalhekk irrakkomanda li jekk id-Dipartiment japprova li l-Kunsill jista' jaghmel xoghol f'Juno Flats, il-Kunsill ghandu jixtri ohra gdida halli jerga' jkun jista' jigi iccirkulat l-ilma fil-funtana pubblika tal-bitha. Il-kelliem irrimarka wkoll li jekk ir-risposta tad-DGL tkun fil-pozittiv il-Kunsill ghandu jibdel il-bozoz li jinqatghu fil-fanali/lampi li hemm fil-bitha u l-komun ta' Juno Flats u li kienu saru mill-Kunsill flimkien mal-Ministeru meta sar l-upgrade ta' Juno Flats.

1.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar li din kienet it-tieni pompa li nharqet apparti l-fatt ukoll li l-Kunsill kellu direzzjoni minghand id-DGL u l-Avukat li l-Kunsill ma jistax jiffinanzja xoghol konness mal-bitha ta' Juno Flats. Il-kelliem ghalhekk irrimarka li kif indikat aktar qabel, dan ix-xoghol u xoghol iehor simili ma jistax isir.

1.21. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li kien spjega l-kaz lid-Direttur fejn infurmah li l-Kunsill ihoss li bhala l-Kunsill ghandu jaghmel il-manutenzjoni mehtiega fejn informa lill-Kunsill ukoll li d-Direttur gie mistieden izur il-post. Il-kelliem irrimarka li jekk wara z-zjara jirrizulta li l-Kunsill jista' jaghmel ix-xoghol, il-Kunsill ghandu jaghmel ix-xoghol mehtieg u jekk ir-risposta tkun fin-negattiv, il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha ma' l-Awtorita' tad-Djar. Finalment il-kelliem irrimarka li

ghalhekk f'dan l-istadju m'ghandu jsir ebda nfieq qabel il-Kunsill ikollu risposta finali minghand id-Dipartiment. Il-kelliem ippropona wkoll li r-residenti koncernata ghandhom jigu nfurmata b'dan.

1.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.24. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.45pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |